MALTA

ATT Nru. V ta' l-1996

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jemenda l-Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament, Kap. 280

ACT No. V of 1996

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Members of Parliament Pensions Act, Cap. 280.

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

16 ta' Frar, 1996

ATT Nru.V ta' l-1996

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgha f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:–

1. Dan l-Att jista'jissejjah l-Att ta' l-1996 li jemenda l-Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament, u ghandu jinqara u jiftiehem haġa wahda ma' l-Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "l-Att prinċipali". Titolu fil -qosor. Kap. 280.

2. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali ghandu jidhol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

"(1) Bla hsara ghad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, membru li jkollu żmien ta' servizz f'mill-anqas żewġ leġislaturi li b'kollox dak iż-żmien ma jkunx ta' anqas minn hamsa u sittin xahar, malli jirtira, jirċievi pensjoni bir-rata ta' parti wahda minn mitejn u sebgħin parti tal-hlas pensjonabbli tieghu ghal kull xahar komplet ta' servizz sal-limitu stabbilit bis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.".

3. Minnufih wara l-artikolu 4A ta' l-Att prinċipali ghandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 4 Bġdid ma' l-Att prinċipali.

"Pensjoni li tithallas lill-President ta' Malta.

4B. (1) Persuna li tinħatar fil-kariga ta' President ta' Malta għandha, meta tirtira mill-kariga, tkun intitolata għal pensjoni bir-rata ta' parti waħda minn disgħin parti tas-salarju li jkun qed jinghatalha fid-data ta' l-irtir tagħha għal kull xahar komplut ta' servizz bħala President.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (5) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-att għandhom ikunu japplikaw għar-rigward tal-pensjoni li tithallas taħt is-subartikoli (1) u (4) ta' dan l-artikolu bla ħsara għal dawn it-tibdiliet li ġejjin:

(a) kull referenza f'dawk is-subartikoli għal ħlas pensjonabbli għandha tinftiehem bħala referenza għas-salarju li jithallas lill-President fid-data ta' l-irtir tiegħu;

(b) ħlas pensjonabbli kurrenti għandu jinftiehem bħala s-salarju li jkun qiegħed korrentement jithallas lill-President ta' Malta.

(3) Fil-każ tal-persuna maħtura bħala President ta' Malta bis-saħħa tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni kif fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru, 1974, is-servizz bħala President ta' Malta għandu għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jinkludi wkoll servizz bħala Gvernatur Ġenerali.

(4) L-armla jew armel sopraviventi ta' persuna maħtura fil-kariga ta' President għandha mal-mewt ta' dik il-persuna ħekk maħtura, tkun intitolata għal pensjoni, li tissejjaħ pensjoni ta' armla, li tkun ekwivalenti għal ħames partijiet minn sitt partijiet tal-pensjoni li tithallas skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu lill-konjugi tiegħu jew tagħha li kieku kienet ħajja, u jekk il-persuna maħtura tmut waqt li tkun qed tokkupa l-kariga għal ħames partijiet minn sitt partijiet tal-pensjoni li kienet tkun intitolata għaliha li kieku tkun irtirat fid-data ta' l-irtir tagħha:

Iżda persuna li tkun intitolata għal pensjoni taħt dan is-subartikolu li tkun ukoll intitolata għal pensjoni taħt kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att tkun biss intitolata tirċievi l-oġħla pensjoni minn dawk it-tnejn.".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kelma "armla" għandhom jidħlu l-kliem "armla jew armel" u minflok il-kliem "tkun intitolata li tirċievi" għandhom jidħlu l-kliem "ikunu intitolati li jirċievu"; u minnufih fi tmiem dak is-subartikolu għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda persuna li tkun intitolata għal pensjoni taħt dan l-artikolu li tkun ukoll intitolata għal pensjoni taħt kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att tkun biss intitolata tirċievi l-ogħla pensjoni minn dawn it-tnejn.";

(b) minflok is-subartikolu (2) għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw ukoll għall-armla jew armel ta' membru li:

(a) jkun għadu ma laħaqx l-età ta' wieħed u sittin sena fil-waqt ta' mewtu iżda li, qabel dik mewtu, ikun issodisfa l-ħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att; jew

(b) li kieku ma kienx għall-fatt li baqa' membru wara li laħaq l-età ta' wieħed u sittin sena, kien ikun intitolat għal pensjoni taħt dan l-Att."; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "żewġ terzi" għandhom jidħlu l-kliem "ħames partijiet minn sitt partijiet".

Dispożizzjoni transitorja.

5. Ebda arretrati għal żmien qabel l-ewwel ta' Jannar, 1995 ma jkunu dovuti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 507 tat-12 ta' Frar, 1996.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.